

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) NRU 576/2009

tal-1 ta' Lulju 2009

**li jemenda r-Regolament (KE) Nru 570/2009 li jiffissa d-dazji ta' l-importazzjoni fis-setturi taċ-ċereali
mill-1 ta' Lulju 2009**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet spċifici għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) (¹),

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1249/96 tat-28 ta' Ġunju 1996 dwar regoli ta' applikazzjoni (dazju ta' importazzjoni fis-setturi taċ-ċereali) għar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1766/92 (²), u b'mod partikolari l-Artikolu 2(1) tiegħu,

Billi:

- (1) Id-dazji ta' l-importazzjoni fis-setturi taċ-ċereali li huma applikabbi mill-1 ta' Lulju 2009 ġew iffissati bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 570/2009 (³).

(2) Ġaladarba l-medja kkalkulata tad-dazji ta' l-importazzjoni varjat b'EUR 5/t mid-dazju ffissat, jeħtieġ li jsir aġġustament korrispondenti tad-dazji ta' l-importazzjoni ffissati bir-Regolament (KE) Nru 570/2009.

(3) Ir-Regolament (KE) Nru 570/2009 għandu jiġi emendat skond dan,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Annessi I u II għar-Regolament (KE) Nru 570/2009 huma mibdula bit-test li jidher fl-Anness għal dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ dakħinhar tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Għandu jaapplika mit-2 ta' Lulju 2009.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jaapplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-1 ta' Lulju 2009.

*Għall-Kummissjoni
Jean-Luc DEMARTY
Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*

(¹) ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.

(²) ĠU L 161, 29.6.1996, p. 125.

(³) ĠU L 171, 1.7.2009, p. 3.

ANNESS I

Dazji tal-importazzjoni tal-prodotti msemmija fl-Artikolu 136(1) tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 applikabbi mit-2 ta' Lulju 2009

Kodiċi NK	Isem tal-merkanziji	Dazju tal-importazzjoni ⁽¹⁾ (EUR/t)
1001 10 00	QAMĦ iebeſ ta' kwalit� għolja	0,00
	ta' kwalit� medja	0,00
	ta' kwalit� baxxa	0,00
1001 90 91	QAMĦ għaż-żrīgħ	0,00
ex 1001 90 99	QAMĦ komuni ta' kwalit� għolja, minbarra dak li hu taż-żrīgħ	0,00
1002 00 00	SEGALA	51,26
1005 10 90	QAMĦIRRUM għaż-żrīgħ minbarra dak ibridu	30,13
1005 90 00	QAMĦIRRUM minbarra dak taż-żrīgħ ⁽²⁾	30,13
1007 00 90	SORGU fżerriegħha minbarra dik ibrida taż-żrīgħ	56,25

(¹) Għall-prodotti li jaslu fil-Komunit  mill-Ocean Atlantiku jew mill-Kanal ta' Suez (l-Artikolu 2(4) tar-Regolament (KE) Nru 1249/96) l-importatur jista' jibbenefika minn tnaqqis ta' dazju ta':

- EUR 3 kull tunnellata, jekk il-port fejn jsir il-ħatt jinsab fil-baħar Mediterran, jew ta'
- EUR 2 kull tunnellata, jekk il-port fejn isir il-ħatt jinsab fl-Irlanda, fir-Renju Unit, fid-Danimarka, fl-Estonja, fil-Latvja, fil-Litwanja, fil-Polonja, fil-Finlandja, fl-İzveza jew fuq il-kosta Atlantika tal-Peniżola Iberika.

(²) L-importatur jista' jibbenefika minn tnaqqis fiss ta' EUR 24 kull tunnellata jekk il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 2(5) tar-Regolament (KE) Nru 1249/96 huma sodisfatti.

ANNESS II

Fatturi għall-kalkolu tad-dazji fl-Anness I

30.6.2009

(1) Medji fuq il-perjodu ta' referenza msemmi fl-Artikolu 2(2) tar-Regolament (KE) Nru 1249/96:

	Qamħ (¹)	Qamħirrum	Qamħ iebes kwalità għolja	Qamħ iebes, kwalità medja (²)	Qamħ iebes kwalità baxxa (³)	Xgħir (EUR/t)
Borża	Minnéapolis	Chicago	—	—	—	—
Kwotazzjoni	196,08	98,74	—	—	—	—
Prezz FOB USA	—	—	207,47	197,47	177,47	88,62
Tariffa fuq il-Golf	—	13,16	—	—	—	—
Tariffa fuq l-Għadajjar il-Kbar	8,67	—	—	—	—	—

(¹) Tariffa pożittiva ta' EUR 14/t inkorporata [l-Artikolu 4(3) tar-Regolament (KE) Nru 1249/96].

(²) Tariffa negattiva ta' EUR 10/t [l-Artikolu 4(3) tar-Regolament (KE) Nru 1249/96].

(³) Tariffa negattiva ta' EUR 30/t [l-Artikolu 4(3) tar-Regolament (KE) Nru 1249/96].

(2) Medji fuq il-perjodu ta' referenza msemmi fl-Artikolu 2(2) tar-Regolament (KE) Nru 1249/96:

Merkanzija/Spejjeż Il-Golf tal-Messiku–Rotterdam	19,99 EUR/t
Merkanzija/Spejjeż L-Għadajjar il-Kbar–Rotterdam:	17,16 EUR/t